MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 216/2003

**Seduta tat-28 ta' Marzu 2003**
**Festa Limited**
**Vs**
**Marc Aquilina u is-socjeta Euro Concrete Blocks Ltd.**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ippremettiet:-
Illi is-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' sitt elef, tlett mija u sebghin liri Maltin u tletin centezmu (LM6,370.30), ammont dovut ghal-kiri tal-vettura Freelander 2.0d, numru ta' registrazzjoni DAK-531, u dan kif jirrizulta mill-anness rendikont immarkat dokument "A";

Illi l-ammont ghadu dovut nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu parti minn dan l-ammont permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Frar, 2002;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili;
Talbet ghalhekk lill-istess konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-
(1) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli l67-l70 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili;
(2) (2) Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici is-somma ta' sitt elef, tlett mija u sebghin liri **maltin** u tletin centezmu (Lm6,370.30), ammont dovut ghall-kiri tal-vettura Freelander 2.0d numru ta' registrazzjoni DAK-531, u dan kif jirrizulta mill-anness rendikont immarkat dokument "A".
Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-iskadenza ta' kull fattura skond ma jidher fir-rendikont immarkat dokument "A" u bl-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Frar, 2002 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u; id-dokumenti l-ohra;

Rat li il-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u fis-seduta tallum imsejhin tlett darbiet lanqas ma deheru;

Peress li fic-cirkostanzi it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenuti.`

Imhallef

Deputat Registratur

---------------------------------TMIEM---------------------------------